# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 601/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Francesco Saverio Ciappara**

Seduta tal-24 ta' Ġunju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Francesco Saverio Ciappara detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 607049M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-23 ta' Settembru, 2016 fil-ħinijiet ta' bejn 7:00a.m. u 09:00a.m. u fil-jiem u xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet differenti ġewwa 3, Triq il-Karrijiet, Rabat, Malta, bħala persuna li sakkar jew ġiegħel jew ippermetta lil xi animal jissakkar f'post, naqas li jieħu dawk il-prekawżjonijiet kollha meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma jħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien permezz ta' inbieħ jew tnewwieħ jew xort' oħra (Kap 10, Sec. 153);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-6 ta' Diċembru, 2016 li biha sabet lill-Francesco Saverio Ciappara ħati tal-imputazzjoni migjuba kontra tiegħu u kkundannatu għoxrin Ewro (€20) ammenda;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Francesco Saverio Ciappara, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' Diċembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tħassar** u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati u tilliberaħ minn kull ħtija u piena skont il-liġi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat;

1. Il-fatti ta' dan il-kaz huma dwar rapport mill-konjugi Gatt dwar inkonvenjent konsistenti f'inbiegh ta' kelb li huma jikkontendu li jappartjeni lill-imputat. Wara li għamlu żmien twil jisimgħu lil dan il-kelb jinbah, u minkejja li kienu jimpustaw noti lill-imputat sabiex irazzan lill-kelb, u minkejja ukoll li qatt ma kellhom xi jghidu mieghu, iddeciedew li jirraportaw lil Pulizija darbtejn. Wara l-ewwel rapport li għamlu, l-kelb kien waqaf jinbah, iżda wara ċertu żmien reġgħa beda jinbah u għalhekk it-tieni rapport sar fit-23 ta' Settembru, 2016.

2. Il-lanjanzi tal-appellant jistghu jitqiesu bhala aggravju wiehed rigwardanti il-kwalita' tal-prova mressqa li skond hu ma kellhiex twassal ghal-sejbien ta' htija. Huwa tal-fehma illi mill-provi mressqa hemm id-dubbju jekk fil-fatt kienux il-klieb tiegħu li kienu qed jinbħu għar-raġunijiet segwenti: a) Il-konjuġi

Gatt ma jirrisjedux bieb ma' bieb jew ġnien ma' ġnien mal-appellant; b) hemm diversi djar oħra li għandhom il-klieb mad-dawra; c) kull darba li marru l-Pulizija għand l-appellant qatt ma semgħu xi klieb jinbħu; d) Illi dakinhar tat-23 ta' Settembru, 2016 bejn is-sebgħa u d-disgħa ta' filgħodu meta s-sinjura Gatt marret tirraporta l-istorbju tal-klieb huwa kien ġo daru u jinnega li kienu qed jinbħu l-klieb tiegħu pero' li huwa wkoll sema' klieb oħra ta' ġirien tiegħu jinbħu;

1) Fix-xhieda tagħha s-sinjura Doris Gatt, qalet li hija kienet tisma' dan il-kelb jinbah ta' sikwit u taf liema kelb hu għax hi tarah mis-sular ta' fuq u minn fuq il-bejt . L-inbih tiegħu tisimgħu anke minn ġol kċina isfel. Il-ġirien tad-dawra kollha għandhom il-klieb u hi ma tafx x'razza huma pero' hija ċerta li huwa dan il-kelb partikolari tas-sur Ciappara li jinbah hekk għax anke video kienet ħaditlu. Madanakollu hija tikkonferma wkoll li minn mindu daħlu l-Qorti dan il-kelb m'għadux jinbah. Is-Sur John Gatt jikkonferma dak li qalet il-mara tiegħu u hu wkoll kien ra l-kelb tas-sur Ciappara minn fuq il-bejt tagħhom u li wara l-każ il-Qorti waqaf jinbah. IL-kwerelanti ddikjaraw ukoll li meta jitilgħu fuq il-bejt jaraw wiehed mill-klieb tal-appellant, taw id-deskrizzjoni tieghu u ma għandhomx dubju ta' min hu l-kelb u li hu huwa li jinbah b'mod insapportabbli;

4. Paul Spiteri l-ġarr tagħhom li għalkemm ma kienx lest jiddikjara b'ġurament li l-kelb li kien qed jinbah li jdejjaq lil ġirien kien tas-sur Ciappara jgħid li l-istorbju kien gej minn naħa tas-sur Ciappara anke jekk hemm klieb ohra fil-vicinanzi;

5. L-appellant xehed illi ghandu tlett iklieb u dawn huma kwieti ħafna u ma jinbhux kif jghidu l-kwerelanti, hlief meta jisimghu xi hoss jew xi karozza. Jghid ukoll illi l-ġirien kollha

għandhom il-klieb, min wieħed, min tnejn, min tlieta u min għandu saħansitra erbgħa.

6. Fid-data tar-rapport, tat-23 ta' Settembru, 2016, WPS 254 J. Giordmaina marret tħabbat fir-residenza tal-imputat iżda ma weġibha ħadd u ma nstemgħux klieb jinbħu. Meta l-Pulizija kellmu lis-Sur Ciappara dwar ir-rapport huwa qalilhom li dak il-ħin bejn is-sebgħa u d-disgħa ta' filgħodu li allegatament kien hemm inbiegħ ta' klieb huwa kien fir-residenza tiegħu u ma kienux qed jinbħu. Huwa sostna li l-klieb tiegħu huma kwieti ħafna u jinbħu biss meta xi ħadd jipparkja fis-sqaq ta' ma' ġenb ir-residenza tiegħu.

7. Jemergi mill-provi akkwiziti illi sia meta sar ir-rapport lill-Pulizija kif ukoll wara s-sentenza appellata, l-inbieh tal-klieb waqaf ghall-kollox. Din il Qorti ma tarax li għandha tiddisturba l-konklużjoni li laħqet l-Ewwel Qorti. L-ilmenti tal-kwerelanti huwa wiehed gustifikat u kien meritevoli ta' rapport lill-Pulizija. Il-fatt illi meta accedew il-Pulizija ghand l-appellant u ma semghu l-ebda inbiegh ma ghandux b'daqshekk jinnewtralizza dak li l-kwerelanti jghidu li jissubixxu b'dan l-inkonvenjent. Il-fatt illi hemm gnien ta' residenza bejn dik tal-kwerelanti u dik tal-appellant ukoll ma ghandux igib fix-xejn ix-xhieda taghhom u dawn urew b'mod konvincenti li jafu fic-cert li huwa wiehed mill-klieb tal-appellant li qed jikkawza dan l-istorbju;

8. L-Artikolu 153 tal-Kap 10 jipprovdi li : 'Kull persuna li ssakkar jew iġġiegħel, jew tippermetti, li xi annimal jissakkar f'xi post, għandha tieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma tħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien, permezz ta' inbiħ jew tnewwiħ jew xort'oħra'. Dan jindirizza dawk il-każijiet fejn ikun qed jinħoloq inkonvenjent jew fastidju lil terzi minn annimali miżmuma ġewwa xi fond minħabba l-istorbju li jkunu qed jiġġeneraw għal xi raġuni jew oħra.

9. Kif gia inghad, din il-Qorti ma tara xejn sindakabbli fil-konsiderazzjonijiet u konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha.

10. Għalhekk l-appell huwa michud.